MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 145/2010

**Paul Debono (KI 712146M)**

**vs**

**Gordon Schembri (KI 207386M)**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid

1. Illi permezz ta’ skrittura privata tas-sitta (6) ta’ Jannar elfejn u ghaxra (2010) (Dok A) l-istanti kkonceda b’titolu ta’ lokazzjoni lill-intimat, l-appartament internament immarkat bin-numru tlieta (3) fi blokk hamsa (5) ta’ “Lourdes Buildings” fi Triq Enrico Mizzi, f’Ta’ Xbiex;

2. Illi tali l-lokazzjoni saret ghal perjodu ta’ tliet (3) snin dekoribbli mill-hdax (11) ta’ Jannar elfejn u ghaxra (2010) u ghalhekk taghlaq fit-tlettax (13) ta’ Jannar ekfejn u tlettax (2013) u dan versu l-kera annwa ta’ elf u sitt mitt

Euro (€1,1600) pagabbli kull tliet (3) xhur bil-quddiem, fir-residenza tal-esponenti;

3. Illi minkejja li gie ghal diversi drabi interpellat sabiex ihalls il-kera, l-intimat ghazel li jibqa' moruz fil-hlas tal-kera ghall-iskadenzi tas-6 ta' Lulju 2010 u tas-6 t'Ottubru 2010 u dan fl-ammont ta' tmien mitt Euro (€800);

4. Illi inoltre, minkejja skond l-istess skrittura lokatizja, kull riparazzjonijiet kemm ordinarjui kif ukoll straordinarji jkunu a kariku ta' l-inkwilin, jirrizulta li hemm hsarat konsiderevoli fis-sistema tal-ilma u minkejja li l-intimat gie interpellat sabiex jaghmel it-tiswijiet mehtiega jew almenu sabiex jaghti access lill-esponenti sabiex jaghmel dak kollu li hu mehtieg, l-intimat ghazel li jibqa' inadempjenti;

5. Illi minkejja li l-istanti ta avviz lill-intimat permezz ta' ittra tat-22 ta' Settembru 2010 sabiex jizgombra mill-fond, l-intimat ghazel li jibqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

6. Illi sa fejn jafu l-esponenti, l-intimat ma ghandux difiza x'jaghti kontra t-talba;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi prevja d-dikjarzzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, din l-Onorabbli Qorti, joghgobha b'applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Art. 16A tal-Kap 69 tordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-fond ossia l-appartament internament mmarkat bin-numru tlieta (3) fi blokk numru hamsa (5) ta' Lourdes Buildings fi Triq Enrico Mizzi f'Ta' Xbiex u dan entro terminu qasir u perentorju li jigi prefiss kif ukoll li jhallas is-somma ta' tmien mitt Euro (€800) in linea ta' arretrati ta' kera ghall-iskadenzi tas-6 ta' Lulju 2010 u tas-6 t'Ottubru 2010,

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa hu ingunt in subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni spettanti lill-istanti;

Ra l-atti tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi l-intimat, debitament notifikat, naqas milli jidher kif ukoll milli jressaq objezzjonijiet ghat-talbiet tar-rikorrenti;

Illi wara li semgha lir-rikorrent Paul Debono jikkonferma l-kontenut tar-rikors promutur bil-gurament kif ukoll illi minn meta intavola r-rikors dawn il-proceduri ma kien hemm l-ebda kambjament jew xi promessa da parti tal-intimat biex jottempera ruhu u anqas ma kien avvicinat b'xi mod mill-intimat;

Illi wara l ezamina r-rikors guramentat tar-rikorrenti u d-dokumenti hemm akkluzi;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors guramentat u jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendi l-pussess battal tal-appartament internament mmarkat bin-numru tlieta (3) fi blokk numru hamsa (5) ta' Lourdes Buildings fi Triq Enrico Mizzi f'Ta' Xbiex minghand l-intimat fi kwalunkwe zmien wara it-30 ta' Jannar, 2012;

Jikkundanna lill-intimati ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' tmiem mitt euro (€800) in linea ta arretrati ta' Kera ghall-iskadenza tas-6 ta' Lulju 2010 u tas-6 ta' Ottubru 2010 bl-imghax legali skond il-ligi u b'rizerva ghall-kull kera iehor spettanti lir-rikorrenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------